MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2008

Numru. 51/2007

**Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

**Joseph Xuereb ta' 18-il sena, bin Charlie u M'Louise nee' Buhagiar, imwieled Awstralja, nhar il-20 ta' Dicembru, 1988, residenti fil-fond numru Alice Springs, Triq ta' Cordina, Ghajnsielem, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 16801(L)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Joseph Xuereb li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar il-20 ta' Mejju 2007, gewwa r-Rabat, Ghawdex, ghall-habta ta' l-ghaxra u nofs ta' filghaxija (22:30):

a) Volontarjament gharraq il-hwejjeg ta’ Ismael Sultana, liema hsara hija ta’ aktar minn hamsin Lira (Lm50.00), izda anqas minn hames mija lira (Lm500.00) meta kkaguna hsara fuq il-vettura IZI 155 ta’ l-istess Ismael Sultana;
b) Ukoll talli hedded lil Gary Bartolo bi kliem u b’gesti;
c) U aktar talli minghajr ma darab jew sawwat hedded lil Gary Bartolo bi flixkun;
d) Ukoll talli hebb kontra l-persuna ta’ Gary Bartolo (15186G) sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara;
e) U fl-ahhar talli fl-istess post, data u hin, kiser il-bon ordni u l-paci pubblika, b’ghajjat u storbju;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-kunsens moghti mill-Avukat Generali sabiex dana il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat;

Illi mill-verbal tas-seduta tas-27 ta’ Marzu 2008 jirrizulta illi l-parti leza u cioe’ Ismael Sultana u Gary Bartolo irrinunzjaw ghall-azzjoni kriminali fil-konfront ta’l-imputat. Iddikjaraw inoltre illi huma ma kenux sejrin jaghtu ix-xhieda taghhom f’dawn il-proceduri. Provi ohra fl-atti ma gewx prodotti mill-prosekuzjoni u dana fid-dawl ta’ din id-dikjarazzjoni min-naha tal-parti leza.

Ghaldaqstant il-Qorti qieghda taqta’ u tiddeciedi billi wara li rat l-artikolu 325(1)© tal-Kodici Kriminali, tiddikjara il-procediment esawriet ghar-rigward ta’l-ewwel, it-tieni, it-tielet u ir-raba imputazzjonijiet u dana fid-dawl tar-rinunzja min-naha tal-parti leza u tillibera lill-imputat mill-ahhar akkuza u dana fuq nuqqas ta’ provi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------